32005L0023

L 62/14 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 9.3.2005

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2005/23/KE

tat-8 ta' Marzu 2005

li temenda d-Direttiva 2001/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2001/25/KE tiddefenixxi r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ, ċertifikazzjoni u għassa għall-baħħara li jagħtu servizz abbord il-vapuri tal-Komunità. Dawn ir-rekwiżiti huma bbażati fuq l-istandards stabbiliti fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara (il-Konvenzjoni STCW) u l-Kodiċi ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa tal-Baħħara (il-Kodiċi STCW).

(2) Il-Kovenzjoni STCW u l-Kodiċi STCW ġew emendati bir-Reżoluzzjonijiet MSC.66(68) u MSC.67(68) tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999, bir-Reżoluzzjoni MSC.78(70), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003, u biċ-ċirkulari STCW.6/Circ.3 u STCW.6/Circ.5, li daħlu fis-seħħ fl-20 ta' Mejju 1998 u fis-26 ta' Mejju 2000, rispettivament.

(3) Ir-Regolament V/3 il-ġdid tal-Konvenzjoni SCTW, li ġie miżjud bir-Reżoluzzjoni MSC.66(68), jippreskrivi rekwiżiti minimi mandatorji ta' taħriġ u kwalifikazzjonijiet għall-kaptani, uffiċjali, baħħara u persunal ieħor fuq vapuri tal-passiġġieri minbarra l-vapuri tal-passiġġieri ro-ro.

(4) Id-Direttiva 2001/25/KE għalhekk għandha tiġi emendata skont dan.

---

[1] ĠU L 136, 18.5.2001, p. 17. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/103/KE (ĠU L 326, 13.12.2003, p. 28).

(5) Il-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti [Sikuri] stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[2]

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Anness I għad-Direttiva 2001/25/KE, il-Kapitolu V huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-paragrafu 3 tar-Regolament V/2, għandu jiżdied it-test li ġej:

"...jew jiġu obbligati li jipprovdu evidenza li laħqu l-istandard ta' kompetenza rekwizit matul il-ħames snin preċedenti."

(2) It-test li ġej għandu jiżdied fl-aħħar tal-Kapitolu :

"Regolament V/3

Rekwiżiti minimi mandatorji għat-taħriġ u l-kwalifiki ta' kaptani, uffiċjali, baħħara u persunal ieħor fuq vapuri tal-passiġġieri minbarra l-vapuri tal-passiġġieri ro-ro

1. Dan ir-Regolament japplika għal kaptani, uffiċjali, baħħara u persunal ieħor li jagħtu servizz fuq vapuri tal-passiġġieri, minbarra l-vapuri tal-passiġġieri ro-ro, ingaġġati fi vjaġġi internazzjonali. L-amministrazzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-applikabilità ta' dawn ir-rekwiżti għall-persunal li jagħti servizz fuq vapuri ingaġġati fi vjaġġi domestiċi.

2. Qabel ma jiġu assenjati dmirijiet ta' fuq il-vapur abbord vapuri tal-passiġġieri, il-baħħara għandhom ikunu temmew it-taħriġ li jesiġuh il-paragrafi 4 sa 8 ta' hawn taħt skont il-kapaċità, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom.

3. Il-baħħara li jeħtiġilhom ikunu mħarrġin skont il-paragrafi 4, 7 u 8 ta' hawn taħt għandhom, f'intervalli ta' mhux aktar minn ħames snin, jagħmlu taħriġ ta' aġġornament xieraq jew jiġu rikjesti biex jipprovdu evidenza li laħqu l-istandard ta' kompetenza rekwiżit matul il-ħames snin preċedenti.

4. Il-persunal iddeżinjat fil-listi tal-ekwipaġġ biex jassisti passiġġieri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fuq vapuri tal-passiġġieri għandu jkun temm it-taħriġ fit-tmexxija tal-folla kif speċifikat fit-taqsima A-V/3, il-paragrafu 1, tal-Kodiċi STCW.

5. Il-kaptani, l-uffiċjali u l-impjegati oħra li jingħataw dmirijiet u responsabbiltajiet speċifiċi fuq vapuri tal-passiġġieri għandhom ikunu temmew taħriġ ta' familjarizzazzjoni kif speċifikat fit-taqsima A-V/3, il-paragrafu 2, tal-Kodiċi STCW.

6. Il-persunal li jipprovdi servizz dirett lill-passiġġieri fuq vapuri tal-passiġġieri fi spazji tal-passiġġieri għandu jkun temm taħriġ ta' sikurezza speċifikat fit-taqsima A-V/3, il-paragrafu 3, tal-Kodiċi STCW.

---

[2] ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1. Ir-Regolament hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 415/2004 (ĠU L 68, 6.3.2004, p. 10).

7. Kaptani, chief mates, u kull persuna oħra li jingħataw dmirijiet u responsabbiltajiet immedjati għall-imbarkazzjoni u disembarkazzjoni tal-passiġġieri għandhom ikunu temmew it-taħriġ approvat għas-sikurezza tal-passiġġieri kif speċifikat fit-taqsima A-V/3, il-paragrafu 4, tal-Kodiċi STCW.

8. Kaptani, chief mates, uffiċjali prinċipali tal-inġinerija, it-tieni uffiċjali tal-inġinerija u kull persuna li għandha responsabbiltà għas-sikurezza tal-passiġġieri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fuq vapuri tal-passiġġieri għandhom ikunu temmew taħriġ approvat dwar kriżi fit-tmexxija u mġiba umana kif speċifikat fit-taqsima A-V/3, il-paragrafu 5, tal-Kodiċi STCW.

9. L-amministrazzjonijiet għandhom jiżguraw li tinħareġ evidenza bil-miktub tat-taħriġ mitmum lil kull persuna li tkun ikkwalifikat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament."

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mid-29 ta' Settembru 2005. Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandha tiġi inkluża referenza għal din id-Direttiva jew magħhom għandu jkun hemm it-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Marzu 2005.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi President